# TIFEL LI KIEN IĦOBB LIL OMMU (1977)

***Xena:** Bajja mwarrba*

***Ħin:** Inżul ix-xemx*

***Xenarju:** Ramel, ħaxix, ġebel u blat.*

***Dawl:** Il-palk ftit mudlam, isir aktar mudlam fit-tard.*

*ROBLES, tifel ta' għaxar snin qed jilgħab waħdu fuq ir-ramel biċ-ċagħak, jipprova jolqot ċagħka b'ċagħka. Tant hu aljenat jilgħab li lanqas jintebaħ b'SARA, mara ta' tletin sena, riesqa lejh. Tidher li hi ftit għajjiena, hekk kif tidħol, tpoġġi bilqiegħda fuq blata u timsaħ l-għaraq minn fuq ġbinha.*

SARA: Għall-erwieħ, nista' npoġġi ftit bilqiegħda, kemm ili nimxi. Għajjejt. *(tara lil ROBLES jilgħab biċ-ċagħak, tgħajjatlu)* Tifel!

ROBLES: *(jinħasad)* X'qatgħa tajtni. *(pawsa)* Trid xi ħaġa?

SARA: *(filwaqt li timxi lejh)* Skużani jekk tajtek qatgħa.

ROBLES: Toqgħodx tinkwieta. Għandek bżonn xi ħaġa?

SARA: Ma tafx tgħidli dan il-post x'jissejjaħ. Naħseb intlift.

ROBLES: Il-bajja tal-bakkara, iżda għaliex jgħidulu hekk ma nafx.

SARA: *(toqgħod bilqiegħda fuq blata, tfittex fil-handbag u ma ssibx li kienet qed tfittex)* Kelli flixkun ilma spiċċali, ma nsiblekx xi ħaġa x'nixrob hux?

ROBLES: *(filwaqt li jmur iġib flixkun ilma minn wara blata u jnewwilhulha)* Hawn ħa, ixrob kemm trid.

*SARA tixrob mill-flixkun.*

ROBLES: Dejjem inġib flixkun ilma miegħi, għallijista' jkun jaqbadni l-għatx.

SARA: *(tagħtih il-flixkun lura)* Għall-erwieħ. Il-bambin bagħtek.

ROBLES: *(jixrob ftit ilma)* Dejjem hawn issibni lili bħalissa. Imbagħad, wara li tinżel ix-xemx nitlaq niġri lejn id-dar għax nibża' li ma nsibx triqti lura.

SARA: Ma taħsibx li l-mamà tkun qed tieħu ħsiebek dal-ħin?

ROBLES: *(jitbissem)* Ma naħsibx li tkun qed tieħu ħsiebi għax ma ngħixx magħha, ommi tgħix il-belt.

SARA: Tgħix man-nanniet jew f'xi villeġġatura?

ROBLES: Le, ma’ tfal oħra bħali, mhux wisq bogħod minn hawn.

SARA: Imma xorta waħda jkunu qegħdin jieħdu ħsiebek. Ix-xemx dalwaqt tinżel, sarlek il-ħin biex titlaq.

ROBLES: Tinkwetax. Ngħidilhom li bqajt għand is-sinjura tiegħi. Jafu biha. Wara l-ikel immur għandha, toqgħod ftit ’il bogħod minn fejn noqgħod jien u talli nagħmlilha xi biċċa xogħol żgħira fid-dar, tagħtini xi ħaġa tal-flus. *(ferħan)* L-aktar ħaġa li nħobb nagħmlilha, noħorġilha dawra l-kelb. Tgħix kemm hu kbir u sabiħ. Mhux l-ewwel darba li ġibtu miegħi hawn.

SARA: X’tagħmel bihom il-flus li taqla’? Tgħidlix li tixtrihom ħelu.

ROBLES: Bħalissa ed infaddalhom biex nixtri par ingwanti lil ommi.

SARA: Ajma ħej, kemm tħobbha lil ommok biex se tixtrilha par ingwanti.

ROBLES: Diġà għandi għoxrin ewro mfaddla. Taħseb li huma biżżejjed biex nixtrilha par ingwanti bojod?

SARA: Naħseb.

ROBLES: Għax dawk xtaqt nixtrilha. Naf bi żgur li se tieħu gost bihom, iżda jekk mhumiex biżżejjed, infaddal ftit ieħor.

SARA: *(bi tbissima)* Naħseb li għandek biżżejjed biex tixtrilha par ingwanti tassew sbieħ. Jien ċert li se tieħu gost bihom ħafna.

Pawsa qasira.

SARA: Għidli ibni, mela għaliex ma tgħix m’ommok?

ROBLES: Jien tifel waħdi. Ommi qaltli li jeħtieġ li ninfirdu, mhux għax ma taħsibx fija tafx. Meta nagħlaq żmieni dejjem tibgħatli xi rigal sabiħ. Il-Milied li għadda xtratli rota. Aqta’ kemm qiegħda għal qalbi. It-tfal l-oħra kollha jkunu jridu jirkbuha iżda tgħidx kemm jieħdu ħsiebha meta nsellifilhom għax jibżgħu li jkissruhieli.

SARA: Tassew tħobbok ommok. Inti x’ismek?

ROBLES: Robles. Ommi tgħidli li semmietni hekk għal wieħed kavallier li kien kuraġġuż u qalbieni ħafna. Dejjem tgħidli li għandi nkun qalbieni bħalu.

SARA: Għandi ngħid li hi ommok daqs kemm tixbhek. Kont naf waħda għandha għajnejha blu u kbar bħal tiegħek. Għandkom l-istess tbissima. *(tqum minn fuq il-blata)* Imm’issa se jkolli nħallik ibni għax jidher li għad fadalli biċċa sew x’nimxi qabel insib fejn norqod billejl.

ROBLES: *(waqt li jipprova jpoġġiha lura bilqiegħda fuq il-blata)* Xkien jisima dik il-mara li qed issemmi.

SARA: Sara. Imm'issa ili ma naraha tmien snin.

ROBLES: Daqshekk ili ngħix f'din id-dar. *(bi tbissima)* Imma m'ilix ma naraha daqshekk. Ta' kultant tiġi żżurni. L-aħħar darba li ġiet, ġabitli kejk il-veru tajjeb, qassamtu fost ħbiebi kollha. Kull sajf toħodni magħha l-belt. Aqta' kemm inkun ferħan. Tista' taħseb, tliet xhur sħaħ magħha.

SARA: Għax ma tibqax magħha għal kollox?

ROBLES: Għax id-disa' xhur l-oħra tkun trid taħdem u ommi dejjem tgħidli li dan ix-xogħol ma tistax tagħmlu jekk inkun magħha.

SARA: Imm'issa ibni, żgur se jkolli nħallik għax qed jidlam ġmielu. *(terġa' tipprova tqum)*

ROBLES: Le, tmurx għalissa. Oqgħod ftit ieħor. Toqgħodx tinkwieta, issa ejja miegħi u tara kif is-sorijiet iżommuk għal-lejl. Anke iżjed jekk trid. Tgħidx kemm għandhom qalbhom tajba. Lil kulħadd jgħinu.

SARA: Imm'għaliex trid iżżommni miegħek hawn?

ROBLES: Għax hekk xi ħaġa fik li tfakkarni f'ommi. *(jitbissem)* Kieku ma kontx naf bi żgur li ommi qiegħda l-belt, kont naħsbek hi. Tassew tixxiebhu.

SARA: *(tipprova ddawwar id-diskors)* Għaliex tiġi waħdek hawn< Għax ma tiġix ma' xi ħabib, naħseb aktar tgħaddih iż-żmien hekk.

ROBLES: Jekk niġi ma' xi ħadd ma nkunx nista' nagħmel dak li nixtieq. Dejjem hawn niġi kull filgħaxija wara li mmur ngħin lil dik il-mara twajba. Niġi nilgħab fuq ir-ramel, nimxi mal-plajja, nara x-xemx tgħib minn wara l-għoljiet u elf ħaġ'oħra nagħmel. Imbagħad, x'ħin niddejjaq, naqbad u nitlaq. *(juri dwejjaq)* Imsieken it-tfal, taf li hemm xi wħud minnhom li lanqas biss tiġi tarahom ommhom. Tgħid għalfejn hux?

SARA: Għax mhux kulħadd iħobb bl-istess mod. Forsi għandhom raġuni.

ROBLES: Ixxurtjat jien li ommi tħobbni ħafna. Xi wħud minnhom ħadd ma jiġi jarahom u qatt ma jibagħtulhom rigali, lanqas fil-Milied. Aqta' kemm jgħiru msieken meta ta' kultant tiġi ommi żżurni u ġġibli xi rigal sabiħ.

SARA: Dak għax ommok tħobbok u taħseb fik.

ROBLES: Tassew jien ferħan li ommi taħseb fija l-ħin kollu. Meta nkunu ilna ma naraw lil xulxin, aqta' kemm indumu nitgħanqu u nitbewsu. Imbagħad tpoġġini f'ħoġorha u tgħidli 'Qgħadt bil-għaqal kemm ili ma narak?' u jien ngħidilha 'Iva'; Imbagħad toħroġ idejha minn wara daharha u tgħidli 'Dan għalik'. Dejjem ikollha xi rigal moħbi wara daharha għalija. Jiena wkoll inħobbha tafx.

Għada stess immur nixtrilha dak il-par ingwanti u nagħtiha sorpriża jien ukoll meta tiġi.

SARA: *(titbissem)* Tassew tħobbok ommopk. Kieku kulħadd jaħseb f'uliedu bħalma ommok taħseb fik, kieku jkun hawn aktar uċuh jitbissmu fid-dinja.

ROBLES: *(waqt li jdawrilha wiċċha malajr)* Ħares daqsxejn lejn ix-xemx, kemm hi sabiħa. Qed taraha tgħib minn wara l-għoljiet? *Pawsa.* Qabel marret toqgħod il-belt, jiena u ommi konna noqogħdu f'għorfa ċkejkna ftit passi bogħod minn hawn, iżd'issa kollha waqgħet bil-maltemp għax ma bqajniex noqogħdu fiha. *(wiċċu mbikkem)* Kemm konna kuntenti flimkien. *(jirrabja)* Mel'għalfejn telqet u ħallietni waħdi hawn, ma' qatta tfal ma nafhomx u sorijiet .... *(jinfaqa' jibki)*

SARA: *(waqt li timsamħlu d-dmugħ)* Isa, toqgħodx tibki. Tarbija tibki mhux tifel bħalek. *(Pawsa qasira)* Kultant bniedem ikollu jagħmel dak li ma jixtieqx. Ommok tħobbok ħafna. Lanqas int stess ma taf kemm. Kieku setgħet, ma kinitx se tħallik waħdek hawn. Żgur li kienet iżżommok magħha għal dejjem.

ROBLES: *(jifraħ ftit)* Veru. Kieku tassew ma tħobbnix, kieku ma ġġiblix rigali u lanqas tiġi tarani. Il-ġimgħa l-oħra rċevejt ittra mingħandha. Qaltli li se tiġi tarani l-ġimgħa d-dieħla għax se tkun lejn dawn l-inħawi.

SARA: Min jaf kemm se tifraħ la taraha.

ROBLES: Kieku biss taf. Kemm nixtieq li teħodni magħha għal dejjem. La tiġi tarani nixtieq xi darba ninżel hawn magħha u noqogħdu nimxu flimkien fuq ir-ramel u nilagħbu biċ-ċagħak u naraw ix-xemx nieżla flimkien. Imbagħad, meta tiġini l-gheja, nixtieq norqod f'ħoġorha u nħossha tmellisli wiċċi u tilgħabli ma' xagħri.

SARA: Ftit ieħor tkun miegħek.

*Pawsa.*

ROBLES: Għadni niftakar meta kont ninżel nilgħab f'din il-bajja, ommi kienet dejjem tfakkarni biex nerġa' lura d-dar qabel jidlam għax kienet tibża' li ma nsibx triqti lura fid-dlam jew li niżloq f'xi ġebel u nweġġa'.

SARA: Kellek biss sitt snin. Kienet tieħu ħsiebek ħafna. Ma ttihiex tort li kienu jgħaddulha dal-ħsebijiet. Naħseb li mhux l-ewwel darba li kienet tiġi tfakkrek li sar il-ħin u ttellgħek lura magħha.

ROBLES: Spiss. Iżda int kif taf?

SARA: Nista' nobsor.

ROBLES: *(iħares lejn SARA)* Tassew tixbahha lil ommi. Hemm xi ħaġa fik li tfakkarni wisq fiha. *Pawsa twila. Jerġa' jibda jiftakar.* Iżda mbagħad ma baqgħetx tiġi aktar tfittixni għax dejjem kont immur fil-ħin lura d-dar.

SARA: Forsi kont kbirt xi ftit u bdiet tafdak iżjed. Jew inti rrealizzajt li jekk kont se tmur tard id-dar, kont se toqgħod tinkwetaha.

ROBLES: Xejn minn dan li qed tgħid. Forsi kont għadni żgħir biex nifhem dan kollu. Qabel titlaq mid-dar kienet tfakkarni biex kif nasal hawn inpinġi arloġġ fuq ir-ramel u fuqu nimmarka l-ħin li jkolli bżonn nerġa' lura d-dar. B'hekk kull darba li nħares lejh kont niftakar li rrid nerġa' lura d-dar qabel jidlam.

SARA: M'għadikx tpinġi arloġġ fir-ramel? Naħseb li ommok tieħu gost jekk tkun taf li hemm xi ħaġa li tfakkrek biex tmur lura d-dar qabel jidlam. Ftakar li ommok ma tiħux gost jekk tkun taf li bqajt hawn, wara nżul ix-xemx.

ROBLES: *(idur dahru lejha u jimxi lejn in-naħa l-oħra bil-mod)* Dik ma tgħid xejn. Kieku vera tinkwieta għalija kieku ma telqitnix hawn waħdi.

*SARA tibda miexja 'l barra min-naħa l-oħra mingħajr ma jintebaħ ROBLES. Toħroġ.*

ROBLES: Issa m'għandix għalfejn inpinġi aktar arloġġi fir-ramel. Dik kienet xi ħaġa ta' bejnietna biss. Issa spiċċat.

*Waqt li qed jitkellem isib ruħu jpinġi arloġġ fir-ramel. Idawwar wiċċu biex ikellem lil SARA iżda ma jsibhiex hemm.*

TMIEM